MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 877/2008

**Karina Fenech (ID 547779M)**

***kontra***

**Awtorita` tad-Djar ;**
**Ministru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment ;**
**Kummissarju ta` l-Artijiet**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors mahluf prezentat fit-28 ta` Awissu 2008 li jaqra hekk –

*Illi Arthur Taliana, kien jikri mill-Gvern, il-fond 32, West Street, Valletta bhala r-residenza tieghu. Mieghu kienet tghix in-neputija, Karina Fenech, ir-rikorrenti ghal aktar minn ghoxrin (20) sena ghaliex il-genituri taghha kienu ghamlu zmien jghixu fl-istess fond. Minkejja li omm ir-rikorrenti nghatat appartament mill-Gvern, ir-rikorrenti xorta ghamlet zmien twil tghix man-nanniet taghha bl-ghan li tiehu hsiebhom ;*

*Illi Arthur Taliana, miet fil-5 ta` Jannar 2001, u r-rikorrenti kienet tghix fil-fond in kwistjoni sew qabel u sew wara mewtu. Fil-fatt f`April 2001 ir-rikorrenti ntavolat talba sabiex tigi rikonoxxuta bhala nkwilina stante illi m`ghandhiex residenza alternattiva u ghaliex taqa` taht il-policy tal-Gvern jigifieri li kienet tghix ma` l-inkwilin ghal tliet snin qabel mewtu ;*

*Illi fil-15 ta` April 2008, (Dok.A) ir-rikorrenti rceviet ittra minn ufficjal tad-Dipartiment ta` l-Artijiet, biex tinformaha li l-Gvern mhux se jirrikonoxxiha fil-kirja u ghandha tirritorna c-cwievet tal-fond 32, West Street, Valletta ;*

*Illi minn April 2001 sal-15 ta` April 2008, ma rceviet l-ebda informazzjoni dwar it-talba taghha. Kien hemm xi talbiet sabiex isiru spezzjonijiet, izda l-ufficjali koncernati ma tfaccawx fid-data u l-hin li kienu gew iffissati l-appuntamenti ;*

*Illi jidher li l-intimati kienu qed jikkonsultaw lil xulxin u jiddeliberaw dwar l-applikazzjoni hawn fuq indikata minghajr ma talbu lir-rikorrenti sabiex tifforni informazzjoni, sottomissjonijiet jew ragunijiet ulterjuri sabiex isostni tali applikazzjoni ;*

*Illi r-rikorrenti m`ghandha l-ebda informazzjoni dwar kif l-intimati waslu ghad-decizjoni taghhom u lanqas taf ezattament min ha d-decizjoni ;*

*Illi jidher car li l-intimati naqsu milli josservaw l-principji tal-gustizzja naturali u jidher car li l-eghmil ta` l-intimati jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta` awtorita` pubblika ;*

*Illi meta r-rikorrenti applikat f`April 2001, hi kienet taqa` taht il-policy biex tkun rikonoxxuta stante illi giet informata li trid turi li kienet tghix ma` l-inkwilin ghal aktar minn tliet (3) snin qabel mewtu u li m`ghandhiex proprjeta` ohra ;*

*Illi b`hekk l-intimati kellhom jaccettaw it-talba tar-rikorrenti u bhala rizultat jirrikonoxxuha bhala l-inkwilina l-gdida tal-fond 32, West Street, Valletta.*

*Dan premess, jghidu l-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex :*

*1. thassar u tiddikjara null u bla effett id-decizjoni tal-15 ta` April 2008 li l-Gvern ma kellu l-intenzjoni li jirrikonoxxi lir-rikorrenti fil-kirja tal-fond 32, West Street, Valletta u dan a tenur ta` l-Artikolu 469A tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12) ;*

*2. tiddikjara li l-applikazzjoni tar-rikorrenti sabiex tigi rikonoxxuta fil-kirja tal-fond 32, West Street, Valletta taqa` taht il-politika ta` l-intimati ;*

*3. tordna lill-intimati sabiex jirrikonoxxu lir-rikorrenti bhala l-inkwilina tal-fond 32, West Street, Valletta ;*

*4. occorrendo tinnomina Nutar biex jippubblika l-att relattiv fil-gurnata u hin prefissi minn din l-Onorabbli Qorti kif ukoll tinnomina kuraturi deputati biex jirraprezentaw lil kull eventwali kontumaci.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attrici u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata tal-Ministru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment u tal-Kummissarju ta` l-Artijiet prezentata fid-<u>19 ta` Settembru 2008</u> li taqra hekk –

*1. Illi preliminarjament din l-azzjoni hija aflitta minn nuqqas ta` interess guridiku u ta` fondament guridiku peress li r-rikorrenti m`ghandha ebda drittijiet fuq il-fond 32, West Street, Valletta billi la hija s-sid tieghu u lanqas qatt ma kienet il-kerrej tieghu ;*

*2. Illi preliminarjament ukoll, il-Ministru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment mhux il-legittimu kontradittur peress li l-Gvern f`din il-kawza huwa rapprezentat mill-Kummissarju ta` l-Artijiet ai termini tal-Kap.169 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-esponenti osservaw il-principji ta` gustizzja naturali, kif ukoll, ma kien hemm l-ebda abbuz tas-setgha ta` awtorita` pubblika fid-decizjoni li ttiehdet ;*

*4. Illi inoltre minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta ma jaghtix lill-qorti gurisdizzjoni li tezercita hi l-funzjonijiet amministrattivi ta` l-eccipjenti. Dan l-artikolu jaghti biss is-setgha lill-qorti li tiddikjara, jekk ikun il-kaz, l-ghemil amministrattiv null, invalidu u minghajr effett.*

*Ghaldaqstant din il-Qorti ghandha tichad it-tieni, it-tielet u r-raba` talba tar-rikorrenti peress li l-funzjoni taghha mhux dak ta` appell minn decizjonijiet amministrattivi, izda wahda ta` stharrig ;*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrenti li qeghda tinvoka a favur taghha l-artikolu 469A(1)(b) ghogobha tnizzel fir-rikors promotur diversi inezattezzi u inveritajiet. Ghaldaqstant, l-intimati sejrin jirreferu ghall-fatti kif jirrizultaw lilhom -*

*(i) Illi l-fond 32, West Street, Valletta kien mikri lil Arthur Taliana minn ghand il-Gvern ta` Malta. Arthur Taliana miet fil-5 ta` Jannar 2001 u minn dakinhar kull min kien jokkupa dan l-imsemmi fond, kien qed jaghmlu llegalment ;*

*(ii) Illi l-eredi ta` Arthur Taliana gew infurmati b`dan bil-miktub, fost ohrajn, permezz ta` ittra datata 15 ta` April 2008 li giet annessa u mmarkata bhala Dok. A mar-Rikors Guramentat li ghalih qeghda ssir din ir-risposta ;*

*(iii) Illi f`dik l-ittra, l-eredi ta` Arthur Taliana gew ordnati biex jivvakaw il-fond 32, West Street, Valletta kif ukoll biex jirritornaw ic-cwievet ta` dan l-istess fond sat-30 ta` Gunju 2008 ;*

*(iv) Illi dan sar minhabba li d-Dipartiment ta` l-Artijiet kellu talba minn ghand l-Awtorita` tad-Djar, li hija l-Awtorita` kompetenti biex talloka fondi residenzjali skond il-lista ta` applikanti ghal akkomodazzjoni socjali li jkollha. Fil-fatt, sa mill-4 ta` Frar 2002, id-Dipartiment ta` l-Akkomodazzjoni Socjali talab lid-Dipartiment ta` l-Artijiet biex jiehu lura l-pussess tal-fond in kwistjoni peress li dan kien qieghed jigi okkupat illegalment u b`mod abbuziv minn min ma kellux titolu validu tal-kirja ;*

*(v) Illi meta d-Dipartiment ta` l-Artijiet ra li minkejja l-ittra li ntbaghtet lill-eredi ta` Arthur Taliana sabiex jivvakaw il-fond, dawn baqghu inadempjenti, il-*

*Kummissarju ta` l-Artijiet ipproceda b`Ordni ta` Zgumbrament ai termini tal-Kapitolu 228 tal-Ligijiet ta` Malta – l-Att dwar Zgumbrament minn Artijiet. Kopja ta` din l-Ordni qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. KA1 ;*

*(vi) Din l-Ordni tat lill-persuna li kien qieghed jokkupa dan il-fond illegalment, jigifieri lir-rikorrenti, sebat ijiem zmien min-notifika taghha sabiex tivvaka l-fond u giet avzata li fin-nuqqas l-oggetti kienu ser jigu mnehhijin mill-fond a spejjez taghha ;*

*(vii) Illi r-rikorrenti ghal darb`ohra regghet naqset milli tirrispetta l-Ordni mahruga mill-Kummissarju ta` l-Artijiet u ghalhekk huwa ma kellu l-ebda triq ohra hlief li jibda jesegwixxi l-Ordni ta` Zgumbrament.*

*6. Illi ghalhekk l-eghmil amministrattiv li dwaru qed isir l-ilment mhux ultra vires ghaliex l-esponenti kellhom dritt li jehduh. Dwar dan jinghad is-segwenti -*

*(i) Ir-rikorrenti sabiex issostni l-allegazzjoni taghha li l-intimati naqsu milli josservaw il-principji tal-gustizzja naturali bbazat l-ilment taghha purament fuq assunzjonijiet. Fl-ewwel lok, dawn l-allegazzjonijiet ghandhom jigu ppruvati u, fit-tieni lok, l-eccipjenti mxew skond il-ligi u adottaw il-procedura solita li tintuza sabiex tittiehed decizjoni bhal dik li ttiehdet fil-konfront tar-rikorrenti ;*

*(ii) Illi l-intimati jichdu wkoll li d-decizjoni li ttiehdet tikkostitwixxi abbuz tas-setgha u dan peress li d-decizjoni ttiehdet ghal ghan xieraq kif ukoll, kienet imsejsa fuq kunsiderazzjonijiet relevanti. Infatti, l-awtoritajiet wasslu ghad-decizjoni in kwistjoni sabiex il-post jigi allokat lil min verament ghandu bzonnu ghaliex il-kaz in kwistjoni juri nuqqas ta` genwinita`. Fi kwalunkwe kaz huwa relevanti li r-rikorrenti hija xebba u li l-genituri taghha diga` gew allokati fond iehor tal-Gvern skond kif jirrizulta mir-rikors promotur. Ghalhekk ma jkunx konducenti ghall-ahjar amministrazzjoni tal-beni pubblici li filwaqt li min ikollu problema ta` akkomodazzjoni jithalla minghajrha u r-*

*rikorrenti tuza s-sistema ta` akkomodazzjoni socjali biex takkwista fond iehor tal-Gvern meta hija tista` facilment tghix mal-genituri taghha jew stante li hija persuna b`impjieg regolari tista` ssib akkomodazzjoni bil-mezzi taghha ;*

*(iii) Illi d-decizjoni li ttiehdet lanqas ma tmur mod iehor kontra l-ligi. Il-Gvern ta` Malta huwa s-sid tal-fond in kwistjoni u inoltre mhux marbut bir-regoli tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta` Malta li jorbtu sidien ohra u dan ai termini ta` l-artikolu 8 ta` l-istess Kap. 69 ;*

*(iv) Illi ma tezisti l-ebda policy kif allegat mir-rikorrenti li hija kellha xi dritt li tigi rikonoxxuta bhala inkwilina stante li allegatament kienet ilha tghix mal-inkwilin ghat-tliet snin qabel mewtu. Dan apparti, li fil-mertu, l-intimati jikkontestaw il-veracita` ta` tali affermazzjoni.*

*7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti Ministru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment u Kummissarju ta` l-Artijiet.

Rat ir-risposta guramentata tal-Awtorita` tad-Djar prezentata fid-19 ta` Settembru 2008 li taqra hekk –

*1. Illi l-fond 32, West Street, Valletta kien mikri lil Arthur Taliana. Dan miet fil-5 ta` Jannar 2001.*

*2. Illi l-atturi ghamlu diversi tentattivi sabiex jispezzjonaw il-fond in kwistjoni izda l-konvenuta ma kenitx tattendi biex tiftah ghalkemm kienet tkun notifikata b`avvizi dwar l-ispezzjoni. Dan jindika li l-attrici kienet qed tirrezisti li tiftah ghax kienet taf li ser jirrizulta li hemm ma kienx qed jghix hadd.*

*3. Illi meta marru jispezzjonaw il-fond, ufficjali tal-Kummissarju tal-Artijiet sabu li kien car li l-fond ma kienx okkupat u kien fi stat pjuttost hazin. Il-girien sahansitra ndikaw li ma kinux jafu min hi l-attrici Karina Fenech u jirrizulta wkoll li meta sar l-isgass il-frigg sahansitra kienet vojta u mmuffata. Kien evidenti li fil-fond ma kien qed jghix hadd. L-ghamara kienet kollha trab u z-zebgha kienet qed taqa`.*

*4. Illi d-Dipartiment ma huwiex tenut jew obbligat bil-ligi li jghaddi l-fond u l-inkwilinat tal-post lill-attrici.*

*5. Illi ma hemm l-ebda abbuz ta` poter meta l-Gvern jiehu lura post li kien mikri lil inkwilin sabiex il-post jinghata lil xi hadd li hu meritevoli. Hu evidenti li fil-fond ma kien qed jghix hadd wara l-mewt ta` Arthur Taliana.*

*6. Illi ma hemm xejn fil-ligi li jaghti dritt lill-attrici li tiehu dan il-post b`kera. Anzi l-Gvern ghandu dritt li jittermina kull kirja tieghu. F`dan il-kaz lanqas biss jista` jinghad li l-attrici ghandha jew kellha xi kirja jew xi dritt.*

*7. Illi hemm lista shiha ta` nies li huma meritevoli ghax ghandhom bzonn ta` dar ta` abitazzjoni zgur hafna aktar minn dak tal-attrici li lanqas biss qieghda fuq il-lista tal-applikanti ghall-akkomodazzjoni alternattiva.*

*Ghaldaqstant l-Awtorita` esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kollha kontra l-attrici.*

*Bl-ispejjez kontra l-attrici li qed tigi ngunta ghas-subizzjoni u b`riserva ghal kull azzjoni ghad-danni spettanti lill-konvenuti.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuta Awtorita` tad-Djar.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-attrici (fol 23 sa 26), ta` ommha Carmen Fenech (fol 29 u 30) u ta` missierha Paul Fenech (fol 34 u 35).

Semghet id-deposizzjoni ta` Carmen Azzopardi (fol 41 sa 54) fl-udjenza quddiem din il-Qorti tal-10 ta` Marzu 2009 u fl-udjenza tal-5 ta` Mejju 2009 (fol 64 u 65) fejn ix-xhud esebiet dokumenti li din il-Qorti qieset ukoll.

Semghet id-deposizzjoni ta` Emerziana Agius (fol 66 u 67) fl-udjenza tal-5 ta` Mejju 2009.

Semghet ix-xiehda ta` Albert Mamo (fol 71 sa 79) fl-udjenza tad-19 ta` Ottubru 2009.

Rat in-nota b`dokumenti li kienu esebiti mill-Kummissarju tal-Artijiet (fol 82 sa 100).

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mill-Awtorita` tad-Djar (fol 100 sa 104) fl-udjenza tal-15 ta` Dicembru 2009.

Semghet id-deposizzjoni tal-attrici (fol 106) fl-udjenza tal-15 ta` Dicembru 2009.

Semghet ix-xiehda ta` Albert Mamo (fol 116 sa 120) fl-udjenza tad-9 ta` Marzu 2010 u rat id-dokumenti (fol 108 sa 114) li kienu esebiti mix-xhud fl-istess udjenza.

Semghet ix-xiehda ta` Audrey Cull (fol 124 sa 128) u ta` Anthony Catania (fol 129 sa 132) fl-udjenza tal-21 ta` Gunju 2010.

Semghet ix-xiehda in kontroezami ta` Audrey Cull (fol 139 sa 153) fl-udjenza tat-3 ta` Mejju 2011.

Rat il-verbal ta` din l-udjenza tal-ahhar fejn il-partijiet iddikjaraw l-gheluq tal-istadju tal-gbir tal-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-28 ta` Gunju 2011.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-28 ta` Gunju 2011 fejn id-difensur tal-attrici ddikjara li l-azzjoni attrici kienet imsejsa fuq l-**Art.469A(1)(b)(iii) tal-Kap.12**.

Rat id-digriet taghha moghti f`din l-udjenza tal-ahhar fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. Provi**

Fl-affidavit taghha, l-**attrici**, korraborata mix-xiehda tal-genituri taghha Carmen u Paul Fenech, tixhed illi l-genituri taghha kienu jghixu fil-fond 32, West Street, Valletta, man-nanniet materni taghha Arthur u Fabiana Taliana. Hija kienet ilha tghix f`dak il-fond sa minn mindu kellha sentejn. Il-fond kien mikri mill-Gvern lil Arthur Taliana ghal skop ta` abitazzjoni b`effett mill-1 ta` Lulju

1956. Fl-1987, il-ġenituri tal-attriċi ingħataw post tal-Gvern fi St. Andrew Street, Valletta, u hi marret toqgħod magħhom. Fl-1997, hija marret tgħix man-nanniet materni fil-fond 32, West Street, Valletta, billi kienu jeħtieġu, speċjalment in-nanna, min idur bihom. Dak il-fond sar ir-residenza tagħha u meta għalqet 18-il sena irreġistrat il-karta tal-identita` tagħha fuq dak il-fond. In-nanna materna miet fl-2000. Hija baqgħet tabita xorta man-nannu matern li miet fil-5 ta` Jannar 2001.

Tkompli **tixhed** li wara l-mewt ta` Arthur Taliana, mill-ewwel talbet bil-miktub sabiex tkun rikonoxxjuta bħala l-inkwilina tal-fond 32, West Street, Valletta. peress illi kienet tgħix mal-inkwilin. Billi ma kellhiex tweġiba, baqgħet ma għamlet xejn aktar sakemm fis-16 ta` Frar 2006 irċeviet ittra fejn qalulha li ma kenitx qegħda tgħix fil-fond. L-avukat tagħha wieġeb li mhux hekk kien il-każ.

Tissokta **tistqarr** li wara għamlet hi kuntatt mad-Dipartiment, talbuha sabiex jispezzjonaw il-fond izda għalkemm kienu saru tliet appuntamenti, ma kien mar ħadd. Wara l-aħħar appuntament, ma għamlitx appuntamenti oħra.

**Issostni** li 32, West Street, Valletta, kien u baqa` r-residenza tagħha. Billi l-attriċi mhix miżżewġa, tistudja, taħdem u tkun għand il-ġenituri tagħha, ma tantx tkun id-dar u ċioe` 32, West Street, Valletta. Kemm torqod biss. Lanqas hemm ma tiekol.

**Tistqarr** illi tixtieq tirranġa l-post pero` mhijiex disposta toħroġ spejjeż qabel ma jkun rikonoxxjut titolu tagħha għall-fond de quo.

Tagħmel riferenza għall-ittra li waslet mingħand id-Direttur tal-Artijiet bid-data tal-15 ta` April 2008 (Dok A a fol 5). L-ittra kienet imwaħħla mal-bieb tal-fond de quo.

**Tghid** li qabel dik l-ittra hlief ghall-2006 ma kienet irceviet xejn minghand id-Dipartiment. Lanqas hadd ta hjiel fejn kienet waslet l-applikazzjoni taghha biex tkun rikonoxxjuta b`titolu ghall-fond in kwistjoni. Wara l-ittra id-Direttur, hija kellmet xi membri parlamentari tan-naha tal-Gvern izda ma kellmet lil hadd mid-Dipartiment.

**Issostni** li pprezentat mandat ta` inibizzjoni hekk kif kienet rinfaccjata bir-riskju ta` zgumbrament.

**Carmen Azzopardi** mill-Awtorita` tad-Djar tixhed illi tal-attrici ma kienx kaz fejn ipprezentat applikazzjoni biex tinghata post tal-Gvern. Fil-kaz tal-attrici, gara illi fil-15 ta` Jannar 2002 (Dok HA5 a fol 61) l-Av. Paul Borg Olivier kien kiteb ittra lid-Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali ghan-nom tal-attrici sabiex tkun rikonoxxjuta bhala inkwilina tal-fond de quo wara l-mewt ta` Arthur Taliana fil-5 ta` Jannar 2002. Il-posizzjoni tal-Awtorita` kienet li l-attrici ma kellhiex il-kriterji mehtiega sabiex il-kirja ddur fuqha. Fosthom li ma kenitx ilha toqghod fil-post. Iz-zmien kellu jkun dak ta` residenza fil-post mal-inkwilin ghal tal-inqas hames snin qabel il-mewt tieghu. Fil-fatt irrizulta illi lanqas wara l-mewt tal-inkwilin l-attrici ma kienet qeghda tabita tabita fil-post. L-attrici bdiet tkun registrata fir-Registru Elettorali fuq 32, West Street, Valletta, minn April 2000 `il quddiem. Wara l-mewt ta` Arthur Taliana, id-Dipartiment tal-Artijiet, fuq direzzjoni mill-Awtorita`, ma accettax aktar il-kera.

Tkompli **tixhed** li d-decizjoni li ma tkunx rikonoxxjuta bhala inkwilina kienet ta` Bord kostitwit apposta mill-Awtorita` sabiex jaghti rakkomandazzjonijiet dwar kazi bhal dawn. Bhala fatt, l-attrici ma kenitx issejhet sabiex tidher quddiem dan il-Bord. L-attrici qatt ma kienet infurmata li kienet sejra tkun rikonoxxjuta bhala inkwilina. Ukoll ladarba ma kellhiex il-kriterji u allura ma kenitx se

tkun rikonoxxjuta, l-Awtorita` ma kellhiex ghalfejn taghmel kuntatt mal-attrici.

Tissokta **tghid** ix-xhud li kien propju mill-bidu nett u cioe` sa mill-2002 li kien deciz li l-attrici ma tkunx rikonoxxjuta. Tattribwixxi ghall-burokrazija bhala r-raguni principali ghala kien biss fl-2008 (ara l-ittra tal-15 ta` April 2008) li l-attrici kienet avzata li ma kenitx l-intenzjoni tal-Gvern li tirrikonoxxieha fil-kirja tal-fond de quo, segwita imbaghad mill-eviction order tal-5 ta` Awissu 2008 (ara fol 15). Tghid ukoll li fl-2006 l-Awtorita` riedet taghmel spezzjoni fil-fond u kitbet lill-attrici.

Ix-xhud **tippreciza** li dwar it-talba tal-attrici li tkun rikonoxxjuta, il-Bord fl-2005 kien iddelibera li qabel tittiehed decizjoni l-inspector Mario Micallef kellu jmur jispezzjona il-post u jkellem lill-attrici (ara fol 49). Kien ghalhekk li anke wara u cioe` fl-2007 u fl-2008 kien hemm insistenza li ssir spezzjoni tal-post izda baqghet ma saritx ghaliex kienu jsib il-post maghluq. Kuntatt mal-attrici bil-mobile ma setax isir ghaliex ma wegbitx ghat-telefonata. Kitbulha ittra bid-data ta` appuntament izda l-attrici ma zammitx l-appuntament (ara Dok HA2 a fol 58)..

In **kontroezami**, ix-xhud **wiegbet** li f`kazi bhal tal-attrici ma hemmx kwistjoni ta` rating jew ta` punti ghaliex it-talba ma saritx b`applikazzjoni biex tinghata social housing izda kien kaz fejn talbet li tkun rikonoxxjuta bhala inkwilina. Meta miet Arthur Taliana, l-attrici kienet diga` registrata fuq l-indirizz tal-fond fir-Registru Elettorali.

**Emerenziana Agius** mill-Ufficcju Elettorali **xehdet** li l-attrici kienet ilha registrata fl-indirizz tal-fond de quo sa mit-12 ta` Ottubru 1999.

**Albert Mamo**, Kummissarju tal-Art, **xehed** li fl-2007 l-Awtorita` tad-Djar kienet talbitu biex id-Dipartment tieghu

ma jibqax jaccetta kera tal-fond de quo. Ma saret l-ebda eviction. Ghalhekk regghu bdew jaccettaw il-kera (ara fol 71). Kien kostitwit Bord intern tal-Awtorita` biex jiddeciedi kazi bhal dak tal-attrici. Fil-fatt il-Lands kien ircieva t-talba tal-attrici biex tkun rikonoxxjuta izda billi l-fond kien residenzjali, il-kaz kien riferut lill-Awtorita`. Il-Lands qatt ma rrikonoxxa lill-attrici bhala inkwilina ghaliex meta thallset il-kera anke wara l-mewt ta` Arthur Taliana, ir-ricevuta baqghet tohrog fuq isem il-mejjet, ghalkemm kienu jafu li l-inkwilin kien miet. Mistqosi ghala l-Lands accetta kera meta l-inkwilin kien mejjet u hareg ricevuti f`isem il-mejjet, ix-xhud wiegeb *ghax halli kemm jista` jkun iddahhal ir-revenue li ghandek iddahhal fuq il-post, mhux ghax jigifieri qed tirrikonoxxi l-mejjet* (ara fol 75). Il-kera ma bdietx tigi accettata mill-2005 u ghalhekk il-kera bdiet tigi depositata l-Qorti.

Ix-xhud kompla **jixhed** illi dwar dak li kien qieghed isir bit-talba taghha, il-Lands ma ghamel l-ebda komunikazzjoni mal-attrici. Ghalkemm is-sid tal-fond huwa l-Lands, l-amministrazzjoni tal-fond issir mill-Housing. Il-kera tithallas dejjem lill-Lands. Ix-xhud kien car illi ghalkemm il-Lands huwa s-sid, il-policy hi li fejn jidhlu postijiet residenzjali tal-Gvern, issir riferenza lill-Housing hlief fil-kazi l-aktar ovvji bhal meta titlob rikonoxximent l-armla wara l-mewt ta` zewgha. Hemm jaqbad u jiddeciedi l-Lands bla ma jirreferi lill-Housing.

Fid-deposizzjoni illi **Albert Mamo** ta fl-udjenza tad-9 ta` Marzu 2010 (fol 116 et seq), huwa **xehed** li l-Lands accettaw il-kera biss sal-31 ta` Marzu 2002.

Waqt il-kawza, il-**Kummissarju tal-Artijiet** ipprezenta xi dokumenti.

**Fosthom** kien hemm ittra tal-4 ta` Frar 2002 mill-Housing (Dok AM) fejn il-Lands kien mitlub itemm il-kirja u jiehu lura l-post billi l-inkwilin kien miet. Il-Lands wiegeb

fit-22 ta` Frar 2002 (Dok AM2) illi ma kienux se jaccettaw kera ghall-fond. B`ittra tal-4 ta` Marzu 2004, il-Housing insista mal-Lands biex ikun jaf jekk hadux lura l-fond (Dok AM6). B`ittra tat-22 ta` Marzu 2004, l-attrici kienet infurmata li *ma hix l-intenzjoni tal-Gvern li jgeddidlek il-kera ... wara din is-sena korrenti* (Dok AM7 a fol 88) u fejn kienet mitluba taghti lura c-cwievet. B`ittra tat-12 ta` Mejju 2006 (Dok AM8), il-Lands avza l-Housing li l-kera kienet qeghda titqieghed il-Qorti. Bl-ittri tieghu tat-12 ta` Mejju 2006 (Dok AM8), tal-20 ta` Lulju 2006 (Dok AM9) u tal-31 ta` Ottubru 2006 (Dok AM10) il-Lands ried ikun jaf mill-Housing jekk dawn kienux qeghdin jinsistu ghall-hrug ta` *eviction order*. Jidher li l-Housing ma tax twegiba. Ghalhekk il-Lands baghat zewg solleciti (Dok AM11 – ittra tat-3 ta` Jannar 2007 – u Dok AM12 – ittra tal-4 ta` Gunju 2007). Il-Housing fl-ahhar wiegeb fl-14 ta` Gunju 2007 (Dok AM13 a fol 13) billi qal li *the case is going to be discussed again during the Eviction Board. When a decision is finalized we will inform you accordingly* (ara fol 94). Segwiet korrispondenza ohra bejn il-Lands u l-Housing (ara Dok AM14 u Dok AM15). Fit-13 ta` Marzu 2008, Lorna Pavia mill-MFSS baghtet email lill-Lands u l-Housing sabiex issir eviction. In segwitu ghal din l-email saret l-ittra tal-15 ta` April 2008 u l-eviction order tal-5 ta` Awissu 2008, li t-tnejn jinsabu in atti.

Xehdet ukoll **Audrey Cull** mill-Awtorita` tad-Djar. Hija **fissret** li tezisti policy li tghid illi wara li ssir applikazzjoni ghal rikonoxximent ta` titolu, jispetta lill-Awtorita` tilqax dik it-talba inkella le. Meta ssir talba ta` din ix-xorta, jingema` taghrif u dokumenti. Fil-file ikun hemm ukoll ir-rizultat ta` spezzjonijiet li jsiru fil-post de quo. L-Awtorita` tesigi l-presentata ta` kull dokument li jiswa sabiex tiddeciedi favur jew kontra r-rikonoxximent. Dwar residenza, il-policy qabel id-dhul fi-sehh tal-emendi ghal-ligi tal-kera kienet fis-sens illi min jaghmel talba ghal rikonoxximent kien irid ikollu residenza fil-fond de quo ta` mill-inqas tliet snin qabel il-mewt tal-inkwilin.

Dwar il-kaz ta` l-attrici **xehdet** hekk a fol 126 –

*Ms. Fenech talbet rikonoxximent, issa mill-evidenza li kellha l-Awtorita` tad-Djar l-inkwilin li kien Arthur Taliana gie nieqes fil-5 ta` Jannar 2002. Issa Ms. Katrina Fenech kienet ilha registrata sentejn biss qabel, ovvjament trid tkun ilha tlett snin kif ghidt qabel. Issa mill-ispezzjonijiet li ghamlu spetturi ta` l-Awtorita` irrizulta li kull darba li morna nhabbtulha din il-mara qatt ma sibnieha fil-post, anke l-informazzjoni li tawna l-girien dejjem qalulna li l-post huwa vakanti. Meta konna naghmlulha appuntament bit-telephone biex tkun maghna f`certu hin hija qatt ma kienet prezenti ghal dak l-appuntament, jigifieri anke meta kienet tghidilna li ha tkun hemm qatt ma stajna nidhlu ahna fil-premises biex niccertifikaw hijiex vera toqghod hemmhekk jew le.*

Ix-xhud **tghid** li hi personalment qatt ma kellmet lill-attrici.

Fil-**kontroezami**, **Audrey Cull** pprecizat li fil-kaz tal-attrici ma saret l-ebda rikjesta ghal dokumenti minghandha. Ma sarx ghaliex fiz-zmien li beda l-kaz d-Dipartiment koncernat kien id-Dipartiment tal-Akkomodazzjoni Socjali. Dawn kienu juzaw procedura differenti. Meta dak id-dipartiment sar parti mill-Awtorita` tad-Djar, kienet adottata procedura ohra fis-sens li t-talbiet ghal rikonoxximent kienu jigu trattati minn bord *ad hoc* kompost minn tliet persuni li jiddeciedu jekk min jaghmel it-talba jikkwalifikax ghal rikonoxximent skond il-kriterji tal-Awtorita`. Fl-4 ta` Marzu 2008, kien hemm decizjoni li tghid – *The board members agree to evict.*

Kompliet **tispjega** illi wara l-ewwel ittra tal-Av. Borg Olivier tal-2002, il-kaz mar ghall-ewwel darba quddiem il-Bord tad-Dipartiment tal-Akkomodazzjoni Socjali fis-7 ta` Novembru 2005. Dakinhar inghad hekk – *Board members agreed that before taking any decision Mr. Mario Micallef is to inspect subject premises and speak to Ms. Karina Fenech.* Id-Dipartiment beda jinvestiga jekk l-attrici kenitx toqghod fil-post. Kuntatt min-naha tal-attrici

ma sarx. U l-girien kienu qalulhom li l-post kien battal. Fl-istess waqt id-Dipartiment ma qaghadx fuq dan biss u stharreg bin-nies tieghu. Kienu n-nies tad-Dipartiment li meta dahlu gewwa sabu l-fridge vojt u s-sodda minghajr saqqu. Fil-file hemm minuti ta` Mario Micallef li minkejja sforzi tieghu huwa qatt ma rnexxielu jaghmel spezzjoni gewwa l-post ghaliex l-attrici qatt ma zammet l-appuntamenti maghhom. U lanqas kienet twiegeb il-mobile. Ghalhekk saret l-eviction order.

**Anthony Catania** mit-Taqsima tal-Infurzar tad-Dipartiment tal-Artijiet, **xehed** li fil-5 ta` Awissu 2008 wahhal l-eviction order mal-bieb tal-fond 32, West Street, Valletta. Fid-19 ta` Awissu 2008, giet biex issir l-eviction vera u propja. Fil-fatt sar l-isgass tal-bieb bil-hsieb li jingarr kull ma kien hemm gewwa sabiex jittiehed fl-istores tal-Awtorita` tad-Djar. Kif kien hemm, giet l-attrici u saret in-notifika ta` mandat ta` inibizzjoni. Ghalhekk l-izgumbrament waqaf hemm ghalkemm kienu lahqu tghabbew xi affarijiet mill-post li mbaghad ittiehdu fl-istores tal-Awtorita` tad-Djar. Ir-ritratti minn fol 108 et seq hadhom hu. Il-post ma deherx li kien abitat.

**Ikkunsidrat :**

## III. Karenza ta` interess guridiku

In linea preliminari, il-konvenuti Ministru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment u l-Kummissarju ta` l-Artijiet taw l-eccezzjoni tal-karenza ta` interess guridiku fl-azzjoni attrici billi jghidu li l-attrici m`ghandha l-ebda drittijiet ta` xejn fir-rigward tal-fond 32, West Street, Valletta.

Huwa principju ewlieni tad-dritt li min jipproponi kawza, irid ikollu interess - (a) **guridiku :** fis-sens illi d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta' l-ezistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tieghu ; (b) **dirett u personali** : fis-sens li jkun

dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, u jkun personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, hlief ghall-azzjoni popolari (li mhix il-kaz tal-lum) ; u (c) **attwali** fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f'kondizzjoni posittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta' dirett legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur.' (**<u>Muscat vs Buttigieg</u> -**Vol. LXXIV.II.481).

Fis-sentenza taghha tat-28 ta' Novembru 2003 fil-kawza **"<u>Formosa Gauci vs Lanfranco et</u>"** il-Qorti tal-Appell elenkat il-principji li jikkwalifikaw dan l-interess -

(i) l-interess (guridiku) mehtieg irid ikun wiehed dirett, legittimu, kif ukoll attwali ;

(ii) l-istat attwali ta' ksur ta' jedd jikkonsisti f'kundizzjoni pozittiva jew negattiva li xxejjen jew tinnewtralizza dritt li jkun jappartjeni lid-detentur jew lil dak li lilu jkun misthoqq ;

iii) l-interess guridiku fl-attur huwa dak li l-imharrek jirrifjuta li jaghraf il-jedd ta' l-istess attur u dan billi kull persuna ghandha d-dritt titlob li, fil-konfront taghha, isir haqq jew tigi msewwija ingustizzja li tkun giet maghmula kontriha ;

iv) l-interess guridiku irid ikun iwassal ghal rizultat ta' utilita' u vantagg ghal min irid jezercita l-jedd. Jekk l-azzjoni ma tistax twassal ghal tali rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi ;

v) l-interess guridiku jrid jibqa' jissussisti tul il-hajja kollha ta' l-azzjoni u mhux biss fil-bidu taghha. Jekk l-interess jintemm, il-konsegwenza mmedjata tkun li l-imharrek. jinheles milli jibqa' fil-kawza ;

vi) l-interess ta' l-attur ghandu jkun jidher mill-att tac-citazzjoni nnifisha. Ghalkemm il-mottiv ta' l-interess mhux mehtieg li jkun imsemmi fic-citazzjoni, dan ghandu jrrizulta mill-provi jekk kemm-il darba jigi kkuntrastat ;

vii) fil-prattika gudizzjarja, wiehed jista’ jippromwovi kawza biex jikseb dikjarazzjoni preordinata ghal azzjoni definittiva u ahharija, minkejja li din ma tkunx giet inkluza fl-azzjoni ta’ accertament. Madankollu, f’kaz bhal dan, il-Qorti trid tkun sodisfatta li jkun hemm l-interess mehtieg, anki preordinat ghall-kawza l-ohra, u li d-dikjarazzjoni hekk miksuba tkun tifforma l-bazi tal-kawza l-ohra li tista’ ssir aktar ’il quddiem ;

viii) l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kkwantifikat f’somma determinata ta’ flus jew gid, imma jista’ jkun imsejjes biex ihares jew jaghti gharfien ghal jedd morali jew soggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku ;

ix) jekk azzjoni, ghalkemm tkun imsejsa fuq jedd ta’ l-attur, tkun mahsuba biss biex tirreka hsara lill-imharrek bla ebda vantagg utli lill-attur tali azzjoni titqies bhala wahda llegali – azzjoni maghrufa fid-duttrina bhala wahda *acta ad aemulationem* – u titqies li fiha jkun jonqos l-interess guridiku mehtieg.

Fis-sentenza **“Fenech Adami vs Abela et”** (6 ta’ Ottubru 1999 – Vol. LXXXIII.II.331) il-Qorti ta’ l-Appell qalet hekk –

*Illi d-definizzjoni accettata fil-gurisprudenza nostrana ta’ interess guridiku hija dik tal-Mortara li jghid li l-interess guridiku huwa ‘l’utilita’ finale della domanda giudiziale nel tema dell’asserita esistenza o violazione del diritto’.*

*Illi huwa rekwizit essenzjali li jkun hemm dritt legali li jkun il-bazi li bih l-attur ikun jista’ jippromwovi u jitlob l-accertament tieghu permezz ta’ l-awtorita’ gudizzjarja.*

Fis-sentenza ta’ din il-Qorti tal-15 ta’ Lulju 1952 (Vol.36.II.493), fil-kawza fl-ismijiet **“Baldacchino vs Bellizzi et”** inghad li –

*min jistitwixxi azzjoni jrid bilfors ikollu xi dritt – 'l'azione civile non puo' essere promossa che per far valere un diritto, e da colui a cui il diritto spetti. Mancando l'uno e l'altro di questi requisiti, l'azione e' infondata ed inammissibile'.*

Hekk ukoll fis-sentenza **"Eminyan vs Mousu' pro et noe et"** (A.C. 28 ta' Frar 1997 - Vol. LXX1.II.429) u fis-sentenza **"Scerri et vs Farrugia et"** (P.A. – RCP - 1 ta' Ottubru 2002) kien affermat –

*li l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur u f'dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbuziv u llegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir.*

Issa fil-kaz tal-lum, dik tal-attrici hija kawza fejn qeghda titlob lill-Qorti sabiex tezercita s-setgha li ghandha li tistharreg il-validita` ta` l-eghmil amministrattiv tal-konvenuti (jew min minnhom) u tiddikjarah null u bla effett stante li, skond l-attrici, id-decizjoni tal-konvenuti (jew min minnhom) li ma tkunx rikonoxxjuta bhala inkwilina tal-fond 32, West Street, Valletta ttiehdet bi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali ghad-detriment u pregudizzju taghha u allura dak l-eghmil kien *ultra vires*.

Ghandhiex ragun l-attrici inkella le, jew jirnexxilhiex taghmel il-prova ta` dak li qeghda tallega, wiehed ghad irid jara meta jitqies il-mertu tal-kwistjoni, izda huwa legalment inaccettabbli li l-attrici tkun eskluza *a priori* milli tipproponi din l-azzjoni, fuq allegata karenza ta` interess, meta l-bazi tal-istanza taghha hija l-pretensjoni li kontra taghha sehhet vjolazzjoni ta` d-dritt taghha li tinstema` mill-awtorita` amministrattiva li hadet decizjoni li tikkoncernaha. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-elementi

kollha tal-interess li trid il-ligi jissussistu fl-istanza tar-rikorrenti.

**Ghalhekk din il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjoni preliminary tal-karenza ta` interess guridiku li ressqu l-konvenuti Ministru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment u l-Kummissarju ta` l-Artijiet.**

**Ikkunsidrat :**

**IV. Legittimu kontradittur**

Ukoll in linea preliminari, il-konvenut Ministru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment wahdu ta l-eccezzjoni li huwa ma kienx il-legittimu kontradittur tal-attrici stante li l-Gvern kien rapprezentat mill-Kummissarju tal-Artijiet kif tghid l-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet (Kap.169).

Anke wara li qieset id-disposizzjonijiet tal-Art.181B tal-Kap.12, din il-Qorti tqis bhala fondata din l-eccezzjoni ghaliex kif irrizulta mill-provi d-decizjoni li kienet tirrigwarda l-attrici ttiehdet mill-Kummissarju tal-Artijiet bhala sid tal-fond de quo u mill-Awtorita` tad-Djar bhala l-amministratur tal-istess. Ghalhekk identifikat bl-aktar mod car min wettaq l-eghmil amministrattiv in kwistjoni, ma hemmx lok li jibqa` fil-kawza l-Ministru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment.

**Ghalhekk din il-Qorti qeghda tilqa` l-eccezzjoni preliminari tal-Ministru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment dwar il-legittimita` tal-persuna u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju**.

**Ikkunsidrat**

## V. **Dritt, dottrina u gurisprudenza**

L-azzjoni attrici saret abbazi tal-**Art.469A tal-Kap.12** li jaqra hekk –

*(1) Hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi, il-qrati tal-gustizzja ta' kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validita ta' xi eghmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li gejjin biss :*

*(a) meta l-eghmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni ;*

*(b) meta l-eghmil amministrattiv ikun ultra vires ghal xi raguni minn dawn li gejjin :*

*(i) meta dak l-eghmil jitwettaq minn awtorita` pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu ; jew*

*(ii) meta l-awtorita` pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-eghmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-eghmil ; jew*

*(iii) meta l-eghmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta' l-awtorita` pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti ; jew*

*(iv) meta l-eghmil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi.*

Kif kien dikjarat mid-difensur tal-attrici fl-udjenza tat-28 ta` Gunju 2011, (fol 154) l-istanza attrici hija msejsa fuq is-subinciz (iii) tal-inciz (1b) tal-Art.469A.

Fid-Dritt Amministrattiv Malti, li huwa fondat fuq id-dritt Ingliz (ara "**Cassar Desain vs Forbes noe**" - Qorti ta' l-Appell - 7 ta' Jannar 1935 u "**Lowell et vs Caruana et**" – Prim'Awla tal-Qorti Civili - 14 ta' Awwissu 1972) kemm il-principju tal-*judicial review* kif ukoll il-principji tal-gustizzja naturali kienu ilhom jigu applikati ferm qabel ma l-Parlament Malti ghamel ligijiet *ad hoc* sabiex jirregola l-materja. Dan sehh ghaliex il-Qrati Maltin kienu affermaw illi fejn tkun tirrizulta *lacuna* fid-Dritt Pubbliku (u d-Dritt Amministrattiv huwa fergha tad-Dritt Pubbliku) ghandha tapplika l-Ligi Ingliza.

Huwa risaput li l-principji tal-gustizzja naturali huma dawk il-principji **minimi** li ghandhom ikunu osservati waqt proceduri anke ta` entita' amministrattiva illi ghandha l-kompitu li tiddeciedi dwar fatti li fuqhom imbaghad ghandha l-poter li tiehu decizjonijiet li jaffettwaw id-drittijiet tal-persuna.

Il-principju *audi alteram partem* jirrikjedi li qabel ma tittiehed decizjoni amministrativa fil-konfront ta' persuna, din ta' l-ahhar mhux biss ghandha tkun mgharrfa, izda ghandha tinghata l-opportunita' li tghid taghha. Fuq kollox tinghata widen tassew ghal dak li l-persuna koncernata ghandha xi tghid, u fl-istess waqt tinghata l-opportunita` li tiddefendi l-kaz kif inhu xieraq.

Fis-sentenza Ingliza "**Ridge v. Baldwin"** (1964 – AC 40) 'the right to a fair hearing' kien iddikjarat bhala *'a rule of universal application'*.

F`dik is-sentenza, Lord Reid qal hekk **–**

*before attempting to reach any decision they were bound to inform him of the grounds on which they proposed to act and give him a fair opportunity of being heard in his own defence'*.

U jkompli hekk –

*Accordingly, in my judgment, a local authority is under a duty, when dealing with entertainment licences, first, to inform the applicant of the substance of any objection or of any representation in the nature of any objection … and secondly, to give him an opportunity to make representations in reply'.*

Fil-kawza "**Board of Education v. Rice**" (1911 – AC 179), Lord Loreburn afferma li l-applikazzjoni tal-principji tal-gustizzja naturali '*is a duty lying upon everyone who decides anything*'.

L-awturi **Wade and Forsyth** fil-ktieb **"Administrative Law"** (Tenth Edition – OUP – 2009 – pag.408) ighidu hekk –

"*Experience has shown that there are remarkably few true exceptions to this 'duty lying upon everyone who decides anything', at any rate anything which may adversely affect legal rights or liberties"* (enfasi tal-Qorti)

Fis-sentenza "**Borg vs l-Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku**" deciza fil-21 ta' Mejju 2009 minn din il-Qorti diversament presjeduta (PA/JRM) inghad hekk dwar il-principji tal-gustizzja naturali -

*"Bil-kemm ghandu jinghad li l-htiega li t-tribunal jew awtoritajiet amministrattivi jharsu b'mod skrupoluz it-thaddin ta' dawn il-principji hija wahda li m'ghandux ikun hemm disposizzjoni espressa tal-ligi sabiex wiehed japplikaha. It-tharis ta' dawn il-principji fit-tmexxija tal-amministrazzjoni pubblika ghandu jkun il-kejl minimu li jiggarantixxi t-trasparenza u s-siwi tal-eghmil amministrattiv. Ghall-kuntrarju in-nuqqas ta' tharis ta' dawn il-principji jwassal ghall-irritwalita' tal-eghmejjel hekk imwettqa u ghat-thassir taghhom."*

(ara wkoll – “**Debono vs Phoenicia Systems Ltd**” – Appell Inferjuri – 19 ta’ Mejju 2004)

Fis-sentenza ta` din il-Qorti, diversament presjeduta, (PA/RCP) moghtija fis-27 ta’ Jannar 2011 fil-kawza fl-ismijiet “**Falzon vs Ministru ghall- Affarjiet Rurali u l-Ambjent et”** kien ritenut hekk –

*“Illi ghalhekk hemm il-htiega li persuna jkollha pre-avviz tal-proceduri li jkunu ser isiru kontra taghha, nkluz l-akkuzi dwar l-istess u konsegwenzi li johorgu konsegwenza ta’ l-istess, tant li fl-**Evans De Smith’s Judicial Review of Administrative Action** (4th Edit. fol. 196) jinghad li “Natural Justice generally requires that the persons liable to be directly affected by the proposed administrative acts, decisions or proceedings be given adequate notice of what is proposed, so that they might be in a position : (a) to make representations on their own behalf ; or (b) to appear at a hearing or inquiry (if one is to be held) ; and (c) effectively to prepare their own case and to answer the case (if any) they have to meet … In a large majority of the reported cases where breach of the audi alteram partem rule has been alleged, no notice whatsoever of the action taken or proposed to be taken was given to the person claiming to be aggrieved, and failure to give him proper notice was tantamount to denial of an opportunity to be heard on that matter”. **(“Dr J.Cachia Fearne v. Segretarju Permanenti et” Prim Awla, 20 ta’ Ottubru 2005 ; “A Gonzi v. Malta Drydocks Corporation”, Prim Awla, 27 ta’ Ottubru 2004).**”*

Fis-sentenza **“A & J Ta` Miema Ltd vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud”** deciza minn din il-Qorti (Sede Kostituzzjonali) diversament presjeduta (PAK/TM) fl-14 ta’ Ottubru, 2004, kien ipprecizat li “*ovvjament, il-principju audi alteram partem, ma jfissirx li l-parti milquta trid bil-fors tinstema’, izda li tinghata l-opportunita’ tressaq il-kaz taghha*.”

**Ikkunsidrat :**

## VI. Risultanzi

### A. L-ewwel talba

Irrizulta li tal-attrici ma kienx kaz ta` persuna li ressqet applikazzjoni biex tinghata *social housing.* Li kieku dak kien il-kaz, kien irid isir *assessment* tal-persuna skond sistema ta` punti mfassla skond *benchmarks* stabbiliti mill-awtorita` pubblika sabiex min haqqu l-aktar jiehu post. Mela whud mill-argumenti li ressqet l-Awtorita` tad-Djar fuq dan il-binarju huma rrilevanti ghax dak tal-lum kien kaz differenti ghal kollox.

Dan qieghed jinghad ghaliex tal-attrici kien kaz differenti u cioe` kien kaz fejn l-attrici talbet li tkun rikonoxxjuta bhala inkwilina tal-fond 32, West Street, Valletta, wara l-mewt tal-inkwilin Arthur Taliana, li jigi n-nannu taghha, u li mieghu kienet tghix. Irrizulta li, ghall-fini ta` eventwali rikonoxximent, f`kazi ta` din ix-xorta kienet tigi adottata procedura differenti, kif sejjer jinghad aktar `il quddiem.

**Qabel pero` tipprocedi oltre, din il-Qorti tqisu dmir taghha li tissenjala li, almenu minn dak li hareg mill-provi, l-immanigjar tal-kwistjoni mill-partijiet kollha interessati, kulhadd inkluz u hadd eskluz, kien kostellat minn zbalji, dewmien bla bzonn, nuqqas ta` decizjonijiet f`waqthom, approssimazzjonijiet, nuqqas lampanti ta` kordinament bejn dipartiment tal-Gvern u iehor, u bejn dipartiment tal-Gvern u Awtorita` pubblika. U dan kollu baqa` jigi manifestat sahansitra waqt il-gbir tal-provi in partikolari fit-taghrif gieli kontradittorju u bla sens ta` direzzjoni li nghata lill-Qorti. Maghdud ma` dan, kien hemm imbaghad attitudini ta` indifferenza kwazi totali espressa min-**

**naha tal-attrici, li evidentement "qomsot" biss hekk kif kienet rinfaccjata bit-twettieq ta` *eviction order* kontra taghha. Dan kollu qieghed jigi premess ghaliex huwa importanti sabiex jitqies il-kuntest ta` kif ittiehdet id-decizjoni in kwistjoni.**

Nibdew bl-*izbalji* l-ovvji mhux in-naqriet. Fir-rikors guramentat stess, l-ewwel zball – id-data tal-mewt ta` Arthur Taliana ; fatt rilevanti ghall-kwistjoni. Fir-rikors, jinkiteb li l-inkwilin miet fil-5 ta` Jannar 2001. Meta mbaghad nigu ghall-affidavits tal-attrici u tal-genituri taghha, u maghhom provi ohra li ngabru, irrizulta li fil-fatt l-inkwilin miet sena wara u cioe` fil-5 ta` Jannar 2002. *Eppure* hadd ma nduna bl-izball, u allura hadd ma rrilevah u kellha tiskoprih din il-Qorti minn qari folja wara l-ohra tal-process. *Zball* iehor, rilevanti wkoll, kien it-tul tal-perijodu ta` residenza mal-inkwilin mill-persuna li ghamlet it-talba ghal rikonoxximent. Zewg xhieda, it-tnejn mill-Awtorita` tad-Djar, isemmu perijodi differenti : Carmen Azzopardi ssemmi hames snin waqt li Audrey Cull tghid tliet snin. Billi din tal-ahhar kienet aktar midhla tal-file, din il-Qorti sejra toqghod fuq li xehdet Audrey Cull. *Zball* iehor lampanti kien tal-Kummissarju tal-Artijiet meta b`xiehda kjarament *off the couch* ta lill-Qorti l-impressjoni li d-Dipartiment baqa` jaccetta l-kera ghal zmien mhux qasir wara l-mewt tal-inkwilin. Fil-fatt aktar tard irrizulta li l-kera kienet accettata biss sal-31 ta` Marzu 2002 u cioe` sa xahrejn wara l-mewt tal-inkwilin. Ma` din l-impressjoni ta` thassib serju li ta lill-Qorti li bhal donnu ma kien jimporta xejn li d-Dipartiment tal-Artijiet jaccetta kera meta jaf li l-inkwilin huwa mejjet semplicement biex d-Dipartiment ma jitlifx dhul (*revenue* kienet il-kelma li uza l-Kummissarju fix-xiehda tieghu).

Dan kollu qieghed jigi senjalat biex din il-Qorti tenfasizza l-fatt li fil-kawza tal-lum, il-partijiet, <u>specjalment il-konvenuti</u>, *missed the wood for the trees.*

It-tema centrali tal-provi tal-konvenuti kienet illi jghidu li l-attrici ma kenitx qeghda tabita fil-post. Pero` ghall-fini tal-istanza kif kienet impostata, dik kienet <u>prova marginali ghall-ahhar</u>. Din il-Qorti taccetta li fi zminijiet ricenti, wara l-mewt tal-inkwilin, l-attrici ma kenitx qeghda tabita fil-post. U li hu hekk jirrizulta b`mod indirett, velat jekk mhux *freudjan* mill-affidavit taghha stess – ghala tirranga post u taghmlu komdu ghal tfajla tal-eta` taghha meta ma kenitx taf hijiex se jkollha rikonoxximent tat-titolu ?

Pero` huwa evidenti mill-assjem tal-provi li fil-kaz tat-talba tal-attrici l-awtoritajiiet pubblici kellhom propositi diversi minn taghha. Jekk hekk kien il-kaz, ma kienx wisq jimporta purche` ittrattaw maghha kif tghid il-ligi u cioe` billi jisimghu dak li ghandha xi tghid.

Ghala dak id-dewmien kollu, ghal dak it-"*tkaxkira kollu tas-saqajn*", din il-Qorti tibqa` bla twegiba – kemm wiehed jifli l-korrispondenza u s-solleciti ripetuti li ghaddew fuq firxa irragonevolment twila ta` zmien bejn il-konvenuti, kif ukoll iz-zmien li ghadda bejn meta saret it-talba u s-snin li ghaddew biex harget l-*eviction order* - zmien li thalla jghaddi – bla ebda raguni li taghmel sens - ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Lanqas it-twegiba illi tat Carmen Azzopardi u cioe` il-burokrazija *inter alia* ma hija konvincenti.

Il-kwistjoni setghet giet risolta fi zmien aktar qasir, bil-bwon sens, b`attitudini aktar miftuha u rispettuza ghad-drittijiet jew pretensjonijiet ta` haddiehor.

It-talba ghar-rikonoxximent saret kmieni fl-2002 bl-ittra tal-Av. Borg Olivier ghan-nom tal-attrici. <u>Dak iz-zmien ma jirrizulta li hadd ma talab mill-attrici prova li ghal xi zmien, kien kemm kien, kienet qeghda tirrisjedi man-</u>

nannu taghha. Min-naha taghha, l-attrici bil-kalma kollha ma ghamlet xejn aktar min-naha taghha hlief li l-avukat rega` kiteb f`April tal-istess sena.qisu xejn ma hu xejn.

Ir-rizultat kien li fil-kawza tal-lum din il-Qorti m`ghandha l-ebda prova ghajr dak li xehdet l-attrici u l-ġenituri taghha illi fiz-zmien ta` qabel il-mewt ta` Arthur Taliana hija kienet tghix mieghu. U ghad-Dipartiment tal-Akkomodazzjoni Socjali dak kien kriterju ta` valutazzjoni importanti ferm.

Din il-Qorti ghandha prova mhux kontradetta li l-attrici kien tabita ma` nannuha fil-fond 32, West Street, Valletta, sa mill-1997 u anke ghal xi zmien wara l-mewt tieghu.

Hadd mill-awtoritajiet pubblici ma talab prova mill-attrici qabel ha decizjoni finali. Mank hadd kellimha. Kollox sar b`noti ghal fini ta` spezzjoni jithallew fil-post de quo.

Bosta seta` jaghmel il-bord intern sabiex jassikura ruhu li qabel jiddeciedi ma jkunx xi darba censurat li cahhad lill-attrici mill-principju tal-*audi alteram partem*. Ma kienx tassattiv ghalih li jismaghha – ghalkemm kien rakkomandabbli - izda kien certament obbligu tal-bord li jaghti opportunita` lill-attrici li tghid taghha billi per ezempju jiesigi minghand dokumenti, xiehda bl-affidavit u provi ohra rilevanti ghall-accertament tal-fatti. Eppure iddecieda bla ma ta cans lill-attrici tghid taghha – kellha jew ma kellhiex ragun !

Tant iehor zbalja min kien responsabbli qabel kien kostitwit il-bord illi *a tempo vergine* ma gabarx taghrif vitali fil-kaz li jkollha tittiehed decizjoni naha jew ohra.

In kwistjoni, mhuwiex jekk l-attrici ghandhiex ragun fil-pretensjoni taghha li tinghata r-rikonoxximent li qeghda titlob. Lanqas ma huwa r-rwol ta` din il-Qorti li tghid kienx validu inkelle le l-ordni ta` zgumbrament. Kull prova jew argument jew sottomissjoni f`dak ir-rigward li saret fit-trattazzjoni ta` din il-kawza kien irrilevanti. **Dawk huma materji li jesorbitaw il-kompetenza ta` din il-Qorti fil-kuntest tax-xorta ta` kawza li ghandha quddiemha**. Li kien jinkombi fuq spallejn din il-Qorti kien propju dak li jghid l-Art.469A(1b)(iii) – *sic et simpliciter.*

**Ghal din il-Qorti tibqa` censurabbli t-triq maghzula mill-awtorita` pubblika biex tittratta l-kwistjoni tal-attrici. Minflok tinqeda bil-mezzi kollha li jipprovdilha t-*taxpayer* sabiex tkun ix-xempju tal-efficjenza u tal-kontabilita`, tiddimostra bl-aktar mod disinvolt kemm propju m`ghandhiex tkun hekk – u cioe` inefficjenti, tqila biex tiddeciedi, tiehu s-snin biex tasal ghal zbokk u meta tasal, bhal donnu "tinsa" li jezisti l-Art.469A tal-Kap.12 li jitfa` fuq il-Qorti l-obbligu li tistharreg il-validita` tal-eghmil amministrattiv u fil-kaz li ssib li kien *ultra vires* ghax, fost hwejjeg ohra, ma jkunx irrispetta l-principju *audi alteram partem,* allura ikun obbligu tal-Qorti li tiddikjara dak l-eghmil null u bla effett. Kif sejra taghmel bis-sentenza taghha tal-lum.**

**Din il-Qorti qeghda ghalhekk tilqa` l-ewwel talba.**

## B. It-talbiet l-ohra

Ghar-rigward tat-tieni, tat-tielet u tar-raba` talbiet attrici, din il-Qorti tghid li dak mitlub mill-attrici jesorbita ghal kollox il-kompetenza taghha f`azzjoni skond l-Art.469A tal-Kap.12.

Ir-ragunijiet huma migbura **<u>bl-aktar mod car, lineari u preciz</u>** fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fil-11 ta' Mejju 2010 fil-kawza "**<u>Fava pro et noe vs Supretendent tas-Sahha Pubblika noe et</u>**" li taqra hekk -

***F'kaz li l-qrati ordinarji jigu mitluba jistharrgu ghemil amministrattiv, il-kompetenza taghhom hi limitata biex tordna li tittiehed decizjoni jew biex thassar dik l-istess decizjoni, pero` ma jaslu qatt biex huma stess jiehdu d-decizjoni flok l-awtorita` kompetenti. Jekk ligi tvesti diskrezzjoni f'xi awtorita`, hija dik l-awtorita` li trid tuza dik id-diskrezzjoni u tiehu d-decizjoni ; jekk id-decizjoni li tittiehed tigi mhassra, il-kwistjoni tigi rimessa mill-gdid lill-awtorita` biex dik tiehu d-decizjoni taghha kif suppost u fit-terminu tal-kunsiderazzjonijiet kollha rilevanti. Jekk l-awtorita` ma tiehux decizjoni tista' tigi mgieghla taghmel dan, u jista' jigi indikat lilha li r-ragunijiet ghaliex kienet qed tittituba milli tiehu decizjoni ma kienux relevanti ; pero` finalment hija dik l-awtorita` li trid tiehu d-decizjoni mhux il-Qorti. Hekk fil-kawza 'Grech v. Ministru tax-Xoghlijiet et' deciza minn din il-Qorti (diversament komposta) fid-29 ta' Jannar 1996 intqal illi: "... il-Qrati fil-funzjoni taghhom ta' judicial review tal-operat tal-Ezekuttiv ghandhom iva d-dritt li jiddeciedu li att partikolari tal-Ezekuttiv ikun null u bla effett izda m'ghandhom qatt id-dritt li jissostitwixxu d-diskrezzjoni rizervata lill-Ezekuttiv b'dik taghhom." Hekk ukoll fil-kaz aktar ricenti 'Borda v. Ellul Micallef' deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' Mejju 2009 gie osservat li, filwaqt li dawn il-qrati jistghu jissindikaw l-operat ta' kwalsiasi tribunal amministrattiv jew organu iehor b'poteri gudizzjarji jew kwazi-gudizzjarji, u li l-awtorita` li hija moghnija b'diskrezzjoni tista' tigi ordnata tezercita dik id-diskrezzjoni f'kaz li tkun naqset li taghmel dan, l-istess awtorita` ma tistax tigi dettata x'ghandha tiddeciedi jew li twettaqha b'xi mod partikolari.***

**<u>Ghalhekk it-talbiet l-ohra attrici qeghdin jigu respinti</u>.**

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza hekk –**

**Tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuti Ministru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment, u tal-Kummissarju tal-Artijiet.**

**Tilqa` t-tieni eccezzjoni preliminari tal-konvenut Ministru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment u ghalhekk tillibera lill-istess konvenut mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Tilqa` r-raba` eccezzjoni tal-konvenut Kummissarju ta` l-Artijiet.**

**Tichad l-eccezzjonijiet kollha l-ohra fil-mertu tal-konvenut Kummissarju tal-Artijiet u tal-Awtorita` tad-Djar.**

**Tilqa` l-ewwel talba u tghid illi l-eghmil amministrattiv specifikat fl-istess talba attrici huwa *ultra vires* skond l-Art.469A(1b)(iii) tal-Kap.12.**

**Tichad it-talbiet l-ohra attrici.**

**In kwantu ghall-ispejjez ta` din il-kawza, b`applikazzjoni tal-Art.223(3) tal-Kap.12, tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------